MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 695/2012

**AC Enterprises Ltd (C49755)**

***kontra***

**F.G.S Construction Limited (C17794)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-11 ta` Lulju 2012 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta` sittax-il elf, tmien mija disgha u sittin ewrop u erba` centezmi (€16,869.04) rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-*

*istess socjeta` konvenuta u dana kif jirrizulta mill-anness statement (Dok. "AC2") u mill-invoices u mid-delivery notes relattivi (Dok. "AC3" sa Dok. "AC14").*

*2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m`ghandhiex ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.*

*3. Illi ghalkemm il-konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx.*

*4. Dawn il-fatti huma maghrufa lis-socjeta` attrici personalment.*

*5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta` attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni :*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta` sittax-il elf, tmien mija disgha u sittin ewro u erba` centezmi (€16,869.04) rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici fuq*

*inkarigu tal-istess socjeta` konvenuta u dana kif jirrizulta mill-anness statement (Dok. "AC2") u mill-invoices u mid-delivery notes relattivi (Dok. "AC3" sa Dok. "AC14").*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju kontestwalment prezentat, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta` l-effettiv pagament, kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti tal-kumpannija attrici, il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat illi l-kumpannija konvenuta kienet notifikata skond il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-21 ta` Novembru 2012 fejn, ghalkemm accertat li l-kumpannija konvenuta kienet notifikata skond il-ligi, din il-Qorti ma setghetx tibqa` tqis il-kawza bil-procedura sommarja specjali u bidet tittratta l-kawza bil-procedura ordinarja.

Rat illi l-kumpannija konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta guramentata u ghalhekk tqieset minn din il-Qorti fi stat ta` kontumacja.

Rat illi fl-udjenza tal-lum baqa` ma deher hadd ghall-kumpannija konvenuta ghalkemm issejhet diversi drabi biex tidher.

Semghet lil Anton Camilleri, rapprezentant tal-kumpannija attrici, jiddikjara quddiem il-Qorti fl-udjenza tal-lum illi bejn mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat sal-lum, il-

kreditu tal-kumpannija attrici baqa` dak li hu, fis-sens illi ma thallas xejn mill-ammont dovut.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet attrici kif dedotti jirrizultaw ippruvati skond il-ligi, din il-Qorti qieghda, fil-kontumacja tal-kumpannija konvenuta, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici l-ammont ta` sittax-il elf, tmien mija disgha u sittin ewro u erba` centezmi (€16,869.04) rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta` konvenuta, bl-imghaxijiet legali kif mitluba.**

**2. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------